MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 161/2005/1

**Stephen u Claudia mizzewgin Vella**

**vs**

**Bollicine Limited**
**u b' digriet tal-11 ta' Mejju tas-2005 gie ordnat illi tigi kjamata fil-kawza s-socjeta` Rino Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Ottubru, 2005, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi, wara l-prezentata ta' kapitolu mill-atturi ghas-subizzjoni tas-socjeta` kjamata fil-kawza Rino Holdings Limited:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' April tas-sena 2005 li permezz tieghu l-atturi sejhu lis-socjeta` attrici sabiex tissejjah u tidher quddiem din il-qorti

sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef u disgha u tletin Lira Maltija u tletin centezmu, (LM4,039.30,0), rapprezentanti danni kkawzati mis-socjeta' konvenuta wara li l-istess socjeta` naqqset li tesegwixxi xi xoghlijiet bil-blokk li tifforma parti minnu r-residenza ta' l-attur, kif ukoll penali imposta a tenur tal-kuntratt ta' akkwist tat-8 ta' April tas-sena 2003 bejn il-kontendenti u dana stante li s-socjeta' konvenuta naqset li tlesti xi xoghlijiet ohra fil-blokk imsemmi;

2. Illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata, baqghet inadempjenti;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-2 ta' Gunju tas-sena 2004 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tal-14 ta' Marzu tas-sena 2005 u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti legali taghha huwa/huma minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

Illi t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi:

1. Is-socjeta' konvenuta ma kinitx responsabbli ghad-dewmien, danni u penali reklamati mill-atturi u ghalhekk l-esponenti titlob illi Rino Holdings Limited (C21417) ta' 39, Villa Eugenie Residence, Mannarino road, Birkirkara, ghandha tissejjah fil-kawza;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni u penali reklamati huma ezagerati;

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-hlas tal-penali reklamati mill-atturi mhuwiex gustifikat;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-verbal taghha datat il-11 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz tieghu, wara talba appozita ghall-istess mis-socjeta' konvenuta, ordnat il-kjamata fil-kawza s-socjeta' Rino Holdings Limited;

Rat il-korrezzjoni tas-socjeta' konvenuta datata l-11 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha gew ikkancellati s-segwenti kliem mill-eccezzjoni mmarkata numru 1;

" ... u ghalhekk l-esponenti ..." sa "ghandha tissejjah fil-kawza";

Tirrileva li s-socjeta' Rino Holdings Limited ikkjamata fil-kawza, giet debitament notifikata skond il-ligi, (ara fol 11);

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex is-socjeta' kjamata in kawza twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' kjamata in kawza naqset u ma dehritx, la fl-udjenza tal-25 t'Ottubru tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli fil-konfront taghha u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet timmerita li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi, bl-ispejjez kontra s-socjeta` kjamata in kawza u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**”**

Sussegwentement, fit-3 ta’ Ottubru 2006, l-istess Qorti ippronunzjat is-segwenti sentenza:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Marzu tas-sena 2005 li permezz tieghu l-atturi sejhu lis-socjeta' Bollicine Limited quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef u disgha u tletin Lira Maltin u tletin centezmu, (LM4,039.30,0), rapprezentanti danni kkawzati mis-socjeta' konvenuta wara li l-istess socjeta' naqset li tezegwixi xi xoghlijiet fil-blokk li tifforma parti minnu r-residenza tal-atturi kif ukoll penali imposta a tenur tal-kuntratt ta' akkwist tat-8 ta’ April tas-sena 2003 bejn il-kontendendi u dana stante li s-socjeta' konvenuta naqset li tlesti xi xoghlijiet ohra fil-blokk imsemmi;

2. Illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata, baqghet inadempjenti;

3. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-2 ta' Gunju tas-sena 2004, u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tal-14 ta’ Marzu tas-sena 2005, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra s-socjeta' konvenuta, li r-rapprezentant/i legali taghha gie/gew debitament ngunt/i in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Bollicine Limited datata d-9 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante:

a. Illi s-socjeta' konvenuta ma kinitx responsabbli ghad-dewmien u penali reklamati mill-atturi u ghalhekk l-esponenti titlob illi Rino Holdings Limited (C 21417) ta’ 39, Villa Eugenie Residence, Mannarino Road, Birkirkara ghandha tissejah fil-kawza;

b. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni u penali reklamati huma ezagerati;

c. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-hlas tal-penali reklamati mill-atturi ma huwiex gustifikat;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat it-talba tar-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta datata l-11 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha talab il-kjamata in kawza tas-socjeta' Rino Holdings Limited;

Rat id-digriet taghha wkoll datat il-11 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz tieghu laqghet it-talba tas-socjeta' konvenuta ndikata fil-paragrafu precedenti u ordnat il-kjamata in kawza ta' l-imsemmija socjeta';

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta li in vista ta' l-imsemmi verbal talab li mill-ewwel eccezzjoni jkunu kancellati l-kliem "... u ghalhekk l-esponenti titlob illi Rino Holdings Limited (C 21417) ta' 39, Villa Eugenie Residence, Mannarino Road, Birkirkara, ghandha tissejjah fil-kawza";

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kapitolu ta' l-atturi fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza Rino Holdings Limited datat il-25 ta' Ottubru tas-sena 2005;

Rat is-sentenza relattiva ghal dan il-kapitolu datata s-26 ta' Ottubru tas-sena 2005 fejn is-socjeta' kjamata in kawza fuq indikata giet dikjarata responsabbli ghad-danni rikjesti mill-atturi, oltre l-ispejjez u imghaxijiet relattivi;

Rat ir-rikors tas-socjeta' konvenuta Bollicine Limited datat it-28 ta' Novembru tas-sena 2005 li permezz tieghu talbet li tintavola s-segwenti eccezzjoni ulterjuri:

Illi in subsidium u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in vista tal-fatt illi permezz tas-sentenza tas-26 ta' Ottubru tas-sena 2005, din l-Onorabbli Qorti ddikjarat illi s-socjeta' kjamata in kawza Rino Holdings Limited kienet responsabbli ghall-hlas tad-danni u penali rikjesti mill-atturi, is-socjeta` eccipjenti Bollicine Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` kjamata in kawza Rino Holdings Limited, ai termini ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat ir-risposta attrici datata 6 ta’ Frar tas-sena 2006 li permezz taghha opponiet ghat-talba indikati fil-paragrafu precedenti u talbet li din il-qorti ghandha tichad it-talba tas-socjeta` konvenuta;

Semghet lill-partijiet fir-rigward;

Rat id-digriet taghha datat l-14 ta’ Marzu tas-sena 2006 fejn permezz tieghu laqghet it-talba tas-socjeta` konvenuta, awtorizzat lis-socjeta` konvenuta tipprezenta l-eccezzjoni ulterjuri li jidhrilha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` Bollicine Limited datata l-4 ta’ April tas-sena 2006 senjatament:-

1. Illi in subsidium u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in vista tal-fatt illi permezz tas-sentenza tas-26 ta' Ottubru tas-sena 2005, din l-Onorabbli Qorti ddikjarat illi s-socjeta' kjamata in kawza Rino Holdings Limited kienet responsabbli ghall-hlas tad-danni u penali rikjesti mill-atturi, is-socjeta` eccipjenti Bollicine Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` kjamata in kawza Rino Holdings Limited, ai termini ta’ l-imsemmija sentenza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti leglai tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. illi l-atturi kienu xtraw appartament numru 3 formanti parti minn blokk bla isem u bla numru sitwat fi Trejqet il-Pont, il-Mosta, li jirrizulta li sofra xi danni kawza ta' perkolazzjoni ta’ ilma fl-istess fond;

2. Illi ai termini tal-kuntratt vinkolatorju bejn il-partijiet datat it-8 ta' April tas-sena 2003, il-partijiet involuti senjatament l-atturi fuq indikati u s-socjeta' Bollicine Limited rapprezentata minn Edwin Borg, stipulaw fost l-ohrajn is-segwenti:

" 10. Il-common parts jitlestew mhux aktar tard minn tmien xhur mil-lum kontra penali ta' tletin Lira kuljum ghal kull gurnata ta' inadempjenza";

3. Illi jirrizulta assodat:

a. Illi dan it-terminu ghadda inutilment;

b. Illi b'rizultat dirett ta' din l-inadempjenza, l-atturi sofrew danni ingenti minhabba l-perkolazzjoni tax-xita fl-appartament taghhom;

4. Illi rizultat ta' l-analizi pprezentata mill-perit arkitett imqabbad ex parte mill-atturi li bl-ebda mod ma gie konfutat mis-socjeta' konvenuta, din il-qorti hi konvinta li l-hsarat sofferti mill-istess atturi huma direttament kongungibbli ghall-inadempjenza tas-socjeta' konvenuta, u dan, bi ksur volut ta' l-obbligi, minnha assunti fil-kuntratt fuq indikat;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta` qieghda principalment tiddefendi ruhha billi ssostni s-segwenti:

1. IIIi hi ma kinitx responsabbli ghal dawn id-danni;

2. Illi stante li gia' hemm kundanna ta' dan fuq socjeta' ohra, allura hi tigi awtomatikament ezonorata minn kwalunkwe dannu jew responsabbilita';

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-ewwel premessa fuq indikata ghandu jinghad li "pacta sunt servanda";

Illi ghandu jkun pacifiku li s-socjeta' konvenuta intrabtet sollennement biex entro t-terminu stipulat hi kellha d-dover tespleta inkarigu preciz;

Illi jirrizulta abbundantement assodat li hi naqset milli taghmel dan u allura ghandha ssofri l-konsegwenzi li hi stess liberament ghazlet li tintrabat bihom;

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tieni premessa ghandu jinghad li logikament ma treggix:

Illi kull ma tghid is-sentenza indikata mis-socjeta' konvenuta hu li stante li s-socjeta' kjamata in kwaza baqghet ma dehritx biex twiegeb ghall-kapitolu fuqha interpost allura kelllha ssofri l-konvegwenzi previsti mill-ligi;

Illi fih innifsu, dan bl-eda mod ma jfisser aktar jew anqas
inn daqshekk;

Illi ghalhekk sentenza wara kapitolu hi biss stat fil-konfront ta' min jissubixxi s-subizzjoni u ta' hadd aktar;

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma kellha l-istat legali taghha mittifes bl-imsemmija sentenza li hi stat ta' fatt biss fil-konfront tas-socjeta' kjamata fil-kawza;

Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta nkluza l-eccezzjoni ulterjuri minnha sollevata, takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta bie in solidum mas-socjeta' kjamata in kawza thallas lill-atturi Stephen u Claudia Vella l-ammont ta' erbat elef u disgha u tletin Lira Maltin, u tletin centezmu, (LM4,039.30,0), rapprezentanti d-danni kkawzati lilhom fl-appartament fuq indikat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mill-14 ta' Marzu tas-sena 2005.”

Appellaw minn din is-sentenza kemm is-socjeta` konvenuta kif ukoll dik l-ohra msejha fil-kawza;

Is-socjeta` konvenuta targina l-appell taghha bil-mod segwenti:-

(1) Fl-ewwel lok talbet ir-revoka tas-sentenza bl-assunt illi l-ewwel Qorti kien messha akkoljiet l-eccezzjoni ulterjuri taghha tendenti ghal-liberazzjoni taghha mill-osservanza tal-gudizzju;

(2) Sekondarjament, talbet ir-riforma ta' l-istess sentenza billi tigi annullata dik il-parti taghha li laqghet it-talbiet ta' l-atturi fil-konfront taghha. Dan ghal motiv illi l-kawza ma kienetx imhollija ghad-decizjoni fil-mertu imma limitatament ghall-epurazzjoni u decizjoni ta' dik l-eccezzjoni ulterjuri taghha;

L-appell tas-socjeta` kjamata fil-kawza hu, invece, cirkoskritt b' dawn l-aggravji:-

(1) Is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2005, li din tikkwalifika bhala wahda *ex parte*, ghandha tigi revokata ghaliex l-att tan-notifikazzjoni lilha ta' l-avviz promotur jiddifetta f' wiehed mir-rekwiziti tieghu ghal dik li hi r-regolarita` u l-validita` ta' l-istess notifikazzjoni skond l-Artikolu 187 (4) (a) tal-Kapitolu 12;

(2) Hi ma kellha ebda relazzjoni negozjali ma' l-atturi;

(3) L-att ta' l-interrogazzjoni in subizzjoni kostitwit bil-kapitolu, ma kienx validu ghar-raguni stabbilita taht punt (1);

(4) Hi ma kellhiex tkun ikkundannata ghall-hlas ta' imghaxijiet;

Il-Qorti jidhrilha li ghandha qabel xejn tghaddi biex tikkunsidra l-appell interpost mis-socjeta` msejha fil-kawza, anke ghaliex dwaru l-atturi appellati ssollevaw bir-risposta taghhom il-pregudizzjali illi dan kien wiehed *fuori termine*;

Bhala sottofond ghall-ahjar analisi ta’ din il-pregudizzjali jinsab delinejat mill-atti tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti l-kwadru li gej:-

(1) In-notifika ta’ l-Avviz saret lis-socjeta` kjamata fil-kawza fit-22 ta’ Mejju 2005. Ara riferta tal-purtier a fol. 11 u l-*pink card* mehmuza maghha. Ebda rapprezentant ta’ din l-istess socjeta` ma deher fis-seduta ta’ l-14 ta’ Gunju, 2005;

(2) Fil-25 ta’ Ottubru 2005 l-atturi pprezentaw kapitolu *di fronte* ghal din l-istess socjeta` bil-formula konsweta illi bil-gurament taghha ried jigi pprovat li din kienet debitrici ta’ l-atturi. F’ din l-istess data, kif jirrizulta mill-verbal a fol. 14, xehdu l-attur u l-Perit Herbert Debono prodott mill-atturi. Gew ukoll esebiti xi dokumenti;

(3) Fis-26 ta’ Ottubru 2005, verifikat illi ma deher hadd (ara verbal a fol. 36), l-ewwel Qorti ghaddiet biex fuq il-bazi ta’ dak il-kapitolu akkoljiet it-talba ta’ l-aturi fil-konfront tas-socjeta` kjamata. Dan flimkien mal-kundanna ghal hlas ta’ l-imghaxijiet;

Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta’ principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f’ min lilu jigi deferit ta’ fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta’ vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet “**Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani**”, Appell Inferjuri, 28 ta’ April 1998, illi “din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret <u>prova posittiva</u> li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta’ non kontestazzjoni – ta’ l-istess konvenut”;

In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni ta' l-attur in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi. Kif rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza "**James Trapani *et* -vs- Vincent Cilia**" (28 ta' April 2000), "il-kapitoli jitqiesu konfessati pero` dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammississjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja nghad is-subizzjoni setghet tintalab f' kull parti tal-procedura";

Naturalment, l-apprezzament relattiv ta' dik il-prova b' dak il-kapitolu hu rimess ghall-poter diskrezzjonali tal-Qorti adita mill-mertu, u f' dan il-kaz, tajjeb jew hazin, l-ewwel Qorti dehrilha li setghet tigbed il-konkluzjoni illi l-fatt dedott mill-atturi kien ghaliha suffragat bil-prova kostitwita mill-kapitolu;

Biex wiehed jirritorna issa ghal kwestjoni fokali tal-pregudizzjali in diskussjoni, hi l-fehma tal-Qorti illi l-effetti tas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2005, bazata kif inhi fuq dak il-kapitolu, kienet wahda fatali ghas-socjeta` kjamata fil-kawza. Dan ghaliex b' dik is-sentenza krejata ghandek sitwazzjoni guridika ta' gudikat definittiv, fil-kompletezza tieghu, u mhux biss wiehed *in parte*. Dan hu hekk zgur *di fronte* ghal din is-socjeta` appellanti. Ghall-effetti kollha taghha, is-sentenza taghmel stat bejn l-atturi u s-socjeta` kapitolata fuq l-accertament tal-mertu tat-talba, b' mod li ghas-socjeta` msejha fil-kawza kellha titqies *causa finita*. Biex tiskansa ghal dik il-qaghda taghha, hi htiegilha tinterponi appell fit-terminu statutorju utli ghall-prezentata ta' appelli minn sentenzi ta' l-ewwel Qorti, kif preskritt mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan johrog ben car anke mid-dispost ta' l-Artikolu 231 (1) ta' l-istess Kodici li jipprovdi illi "meta jkun hemm azzjoni li tkun

tinvolvi aktar minn attur wiehed jew aktar minn konvenut wiehed (u kjamat in kawza hu hekk meqjus), sentenza li taqta' l-azzjoni dwar xi attur jew konvenut partikolari jista' biss isir appell minnha fiz-zmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta' dik is-sentenza" (sottolinear tal-Qorti);

Jista' jkun talvolta jikkorrispondi ghal veru dak tal-presumibbli gustifikazzjoni l-ghala s-socjeta` kjamata in kawza naqset milli tidher biex twiegeb ghall-mistoqsija posta lilha in subizzjoni. Jista' wkoll tezisti raguni ohra serja l-ghala s-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2005 ghandha titwarrab. Dan, pero`, hu diskors iehor, gjaladarba qed jitqies li l-appell sottomess lil din il-Qorti minn din is-socjeta` mhux ritwalment propost fit-terminu utli ta' ghoxrin jum imma biss sena wara (23 ta' Ottubru 2006). Li hu cert hu, illi s-socjeta` kjamata fil-kawza ma setghetx taprofitta ruhha mis-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006 bejn l-atturi u s-socjeta` konvenuta. Dan ghaliex hi giet b' dik is-sentenza l-ohra ta' qabel akkwiexxiet ghaliha u dik il-kondotta taghha kienet tipprekludiha milli tittanta appell mis-sentenza posterjuri biex tattakka dik anterjuri li ddeterminat is-sokkombenza taghha. Raggunta din il-konkluzjoni, l-appell tas-socjeta imsejha fil-kawza qed jitqies irritu u null in kwantu propost *fuori termine*. Mhux il-kaz allura li l-Qorti tintrattjeni ruhha fuq l-aggravji minn din dedotti;

Jifdal li jigi kkunsidrat l-appell tas-socjeta` konvenuta. In mertu, jibda biex jigi registrat illi *ex post* is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2005 il-provediment quddiem l-ewwel Qorti segwa il-perkors infraskritt:-

(1) Fit-28 ta' Novembru 2005 is-socjeta` konvenuta Bollicine Limitedypprezentat rikors sabiex tkun ammessa tressaq eccezzjoni ulterjuri fis-sens li b' rizultat ta' dik is-sentenza l-Qorti kellha tghaddi biex tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Din it-talba taghha ghal dik il-prezentata giet akkordata mill-Qorti b' digriet moghti fl-udjenza ta' l-14 ta' Marzu 2006 (ara verbal a fol. 53);

(2) Mill-verbal ta’ l-udjenza tas-17 ta’ Mejju 2006 jirrizulta li l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni “preliminari” (*recte,* “ulterjuri”);

(3) Fil-5 ta’ Lulju 2006 saret it-trattazzjoni u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta’ Ottubru 2006, kif fil-fatt sar;

Gara pero` li dik is-sentenza ma llimitatx ruhha ghad-deliberazzjoni fuq l-eccezzjoni ulterjuri izda ghaddiet ukoll biex tiddetermina l-mertu tal-kawza, meta kien apparenti mill-andament tal-kawza sa l-istadju tal-prezentata tan-Nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri (fol. 54) illi s-socjeta` konvenuta kienet ghadha ma ressqetx il-provi taghha, u ghal liema jirreferi l-verbal ta’ l-udjenza tas-26 ta’ Ottubru 2005 (fol. 36);

Qaghda bhal din tikkostitwixxi ipotesi ta’ nullita` tas-sentenza hekk moghtija in kwantu tohloq lezjoni ta’ dak il-principju tal-kontradittorju u tar-rispett tal-principju fundamentali ta’ gustizzja naturali tas-smiegh xieraq ghal fatt li s-socjeta` konvenuta appellanti ma nghatatx l-opportunita` shiha li tressaq il-provi taghha fil-mertu u taghmel l-assunti taghha in kontrapposizzjoni ghal dawk ta’ l-atturi. Sa ricentement hafna, f’ kaz identiku ghal dak prezenti, din il-Qorti irribadiet, b’ ripetizzjoni ta’ sentenzi ohra, “din mhix semplici vjolazzjoni ta’ forma, f’ liema kaz din il-qorti ma kienetx tannulla s-sentenza hlief jekk jidhrilha illi fis-sostanza mhix gusta. Hawn si tratta ta’ sentenza illi ma messhiex u ma setghetx legalment tinghata fic-cirkostanzi fuq imsemmija.” Ara “**Carlos Agius *et* -vs- John Cardona *et***”, 12 ta’ Dicembru, 2007;

La din il-Qorti qed taqbel li s-sentenza ghandha tigi dikjarata nulla, tali nullita, per forza, taffettwa t-totalita` taghha u mhux biss parti minnha. Mhux il-kaz allura li l-Qorti tissofferma fuq dak propost mis-socjeta` konvenuta appellanti bl-ewwel aggravju taghha. Fic-cirkostanzi, l-ezami u definizzjoni ta’ dak l-istess aggravju jkollu bilfors

jigi rizervat ghal stadju futur f' xi eventwali appell iehor, jekk ikun il-kaz, mis-sentenza li trid tinghata mill-ewwel Qorti wara r-rimessjoni lura lilha tal-process;

Finalment, lanqas ma tara li hemm il-htiega li din il-Qorti tinvesti l-eccezzjoni tad-dezerzjoni ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta sollevata mis-socjeta` kjamata in kawza. Dan ghar-raguni illi n-notifika lilha ta' dak l-istess appell ma kienx strettament necessarju una volta s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006 li minnha sar dak l-appell ma kienetx taghmel stat fil-konfront taghha, anke ghaliex gja kien hemm il-gudikat l-iehor definittiv tas-26 ta' Ottubru 2005 u hi allura, fir-realta guridika, ma kien ghad baqalha ebda involviment sostanzjali fl-ezitu tal-vicenda processwali konsegwenti ghal dak il-gudikat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi fl-ewwel lok tqis l-appell tas-socjeta` kjamata fil-kawza Rino Holdings Limited bhala irritu u null ghax *fuori termine*, bl-ispejjez kontra din l-istess socjeta`. Fit-tieni lok qed tipprovdi fuq l-appell tas-socjeta` konvenuta Bollicine Limited billi tannulla s-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru 2006, b' dan li qed tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti ghar-rikonsiderazzjoni taghha skond il-ligi u dawk tal-konsiderazzjonijiet premessi. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali filwaqt li dawk ta' dan l-appell jibqghu sopportabbli fi kwoti ndaqs bejn is-socjeta` konvenuta appellanti u l-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------